

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 14.4.2011
KUMM(2011) 212 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni,
skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament
Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni
finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/031 BE/General Motors Belgium mill-Belġju)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) permezz ta' mekkaniżmu ta' flessibilità, sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun, u dan apparti mill-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet mill-EGF huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni².

Fl-20 ta' Diċembru 2010, il-Belġju ppreżenta l-applikazzjoni EGF/2010/031 BE/General Motors Belgium għall-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF, wara sensji fil-General Motors Belgium³ u erbġħa mill-fornituri tagħha fil-Belġju.

Wara analiżi bir-reqqa ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006 li l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament huma sodisfatti.

TAQSIRA TAL-APPLIKAZZJONI U L-ANALIŻI

Dejta prinċipali:	
Nru ta' Referenza tal-EGF	EGF/2010/031
Stat Membru	Il-Belġju
Artikolu 2	(a)
Intrapriża primarja	General Motors Belgium
Fornituri u produtturi iktar l-isfel fil-katina tal-produzzjoni	4
Perjodu ta' referenza	14.6.2010 – 14.10.2010
Data ta' bidu għas-servizzi personalizzati	14.06.2010
Data tal-applikazzjoni	20.12.2010
Sensji matul il-perjodu ta' referenza	1 336
Sensji qabel u wara l-perjodu ta' referenza	1 498
Sensji totali eliġibbli	2 834
Ħaddiema li nġataw is-sensja li huma identifikati għall-ghajjnuna	2 834
Nefqa għas-servizzi personalizzati (EUR)	14 324 894,84
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF ⁴ (EUR)	435 000,00
Nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF (%)	2,95
Baġit totali (EUR)	14 759 894,84
Il-kontribuzzjoni tal-EGF (65 %) (EUR)	9 593 931

1. L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fl-20 ta' Diċembru 2010 u kienet sostnuta b'tagħrif addizzjonali sal-24 ta' Jannar 2011.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

² ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

³ Ġeneralment issr referenza għalih bħala "Opel Antwerp"

⁴ Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

2. L-applikazzjoni tissodisfa l-kondizzjonijiet għall-użu tal-EGF kif stabbilit fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, u ġiet sottomessa fi żmien il-perjodu speċifikat ta' 10 ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament.

Ir-rabta bejn is-sensji u l-bidliet strutturali maġġuri fix-xejriet tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni jew il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali

3. Sabiex tiġi stabbilita rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, il-Belġju jsostni li fl-2009 il-produzzjoni ta' vetturi bil-mutur (karożżi, trakkijiet u karożżi tal-linja) fl-Ewropa naqset drastikament minħabba din il-kriżi. tnaqqis ta' 17,3 % meta mqabbla mal-2008 u 23 % meta mqabbla mas-sitwazzjoni ta' qabel il-kriżi fl-2007. Il-produzzjoni tal-vetturi bil-mutur fil-Belġju segwiet l-istess xejra. Fl-2009 l-immuntar tal-vetturi bil-mutur naqas bi 23,8 % meta mqabbel mal-2008, għall-immuntar tal-karożżi tal-passiġġiera t-tnaqqis laħaq l-34,8 %.
4. Il-Belġju jsostni li l-kriżi finanzjarja u ekonomika kellha impatt fuq l-industrija awtomotiva bil-mod li ġej:
- L-ewwel nett, permezz ta' tnaqqis sinifikanti fid-domanda għall-karożżi tal-passiġġiera u vetturi kummerċjali bħala konsegwenza tal-kundizzjonijiet aktar stretti li jirregolaw l-aċċess għall-krediti tal-konsumatur, il-fiduċja baxxa tal-konsumatur u t-tnaqqis fil-kapaċità tal-konsumatur;
 - It-tieni nett, id-diffikultajiet ta' finanzjament f'partijiet differenti tal-industrija awtomotiva, in-nuqqas ta' likwidità u l-inerzja tal-flussi tal-flus permezz tal-katina tal-provvista, li hija partikolarment rilevanti għall-fornituri ż-żgħar;
 - It-tielet nett, l-ambjent kompetittiv ħafna li jeħtieġ tnaqqis kontinwu tal-kosti tal-produzzjoni u t-titjib fl-effiċjenza interna.

Turiya tal-għadd tas-sensji u konformità mal-kriterji tal-Artikolu 2(a)

5. Il-Belġju ressaq din l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, li jirrikjedi mill-inqas 500 sensja tul perjodu ta' erba' xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema li nġhataw is-sensja mill-fornituri tagħha jew mill-produtturi involuti fl-istadji aħħarija ta' produzzjoni.
6. L-applikazzjoni ssemmi 1 336 sensja fil-General Motors Belgium u tlieta mill-fornituri tagħha matul il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur mill-14 ta' Ġunju 2010 sal-14 ta' Ottubru 2010 u 1 498 sensja oħra wara l-perjodu ta' referenza fil-General Motors Belgium u tnejn mill-fornituri tagħha. Dawn is-sensji kollha ġew ikkalkolati skont l-ewwel inċiż tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.

Spjegazzjoni tan-natura mhix prevista ta' dawk is-sensji

7. L-awtoritajiet Belġjani jsostnu li l-produzzjoni ewlenija fil-General Motors Belgium kienet il-mudell Opel Astra. Id-deċiżjoni meħuda mill-maniġment tal-kumpanija ewlenija tal-General Motors li twaqqaf il-linja tal-produzzjoni tal-Opel Astra fl-impjant tagħha f'Antwerp ma kinitx prevista. B'konsegwenza tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, li lanqas ma setgħet tkun prevista, General Motors ma kinitx f'qagħda li

tinvesti fl-iżvilupp ta' linja tal-produzzjoni għal mudell ġdid tal-Opel fl-impjant tagħha fil-Belġju.

Identifikazzjoni tal-intrapriżi li taw is-sensji u l-ħaddiema li huma fil-mira għall-għajnuna

8. L-applikazzjoni tikkonċerna total ta' 2 834 sensja, li minnhom 2 593 seħħew fil-General Motors Belgium u 241 f'erbgħa mill-fornituri tagħha: 18 f'Wissan Produktionservice GMBH, Antwerp, 26 f'Dussman, Antwerp, 21 f'SCA Service Center Antwerpen u 176 f'Johnson Controls automotive, Antwerp. Dawn il-ħaddiema kollha li ngħataw is-sensja huma identifikati għall-appoġġ.

9. It-tqassim tal-ħaddiema identifikati huwa kif ġej:

Kategorija	Għadd	Perċentwali
Irġiel	2 430	85,8
Nisa	404	14,2
Ċittadini tal-UE	2 693	95,0
Ċittadini barra l-UE	141	5,0
Età bejn il-15 u l-24 sena	11	0,4
Età bejn il-25 u l-54 sena	2 717	95,9
Età bejn il-55 u l-64 sena	105	3,7
Età 'l fuq minn 64 sena	1	0,04

10. Hemm 42 ħaddiem (1,5 %) bi problema tas-saħħa persistenti jew diżabbiltà inklużi fil-kategoriji hawn fuq.

11. Fir-rigward ta' kategoriji professjonali, it-tqassim⁵ hu kif ġej:

Kategorija	Għadd	Perċentwali*
Ħaddiem tal-produzzjoni	470	16,6
Operatur tal-forklifters	188	6,6
Ħaddiem assistent fis-settur tal-metall	160	5,7
Ħaddiem fil-maħżen	122	4,3
Fitter ta' biċċiet tal-metall	99	3,5
Mekkanik tal-manutenzjoni	83	2,9
Persuna responsabbli għall-produzzjoni	79	2,8
Kontrollatur tal-kwalità	70	2,5
Skrivani amministrattivi	53	1,9
Teknixin elettro-mekkaniku	52	1,8
Fitter ta' vetturi bil-mutur	44	1,6
Bejjiegħ	38	1,4
Skrivan eżekuttiv	34	1,2
Akkompliċi (xogħol li huwa kemmxejn tqil)	31	1,1
Sewwieq li joffri s-servizz tal-ġarr	30	1,1
Oħrajn	1 281	45,2

* It-total ma jaqbilx minħabba li ċ-ċifri tqarbru lejn l-eqreb numru.

⁵ Dan it-tqassim huwa bbażat fuq l-estrapolazzjoni tal-ishma relattivi magħrufa ta' kull kategorija għall-2 354 ħaddiema li ngħataw is-sensja għall-popolazzjoni kollha tal-ħaddiema identifikati.

Il-kategorija "oħrajn" tkopri l-kategoriji professjonali kollha li jirrappreżentaw inqas minn 1 % tal-għadd totali tal-ħaddiema identifikati. Dan hu l-każ għall-i.a. inġiniera, il-welders, il-mekkaniks tal-vetturi bil-mutur, l-elektrixins tal-manutenzjoni eċċ. Tinkludi wkoll 5,5 % fejn il-kategorija professjonali mhijiex magħrufa mill-Istat Membru applikanti.

12. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, il-Belġju kkonferma li ġiet applikata politika ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel kif ukoll dik ta' nondiskriminazzjoni, u li din se tkompli tapplika matul l-istadij varji tal-implimentazzjoni tal-EGF u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-aċċess għalih.

Deskrizzjoni tat-territorju kkonċernat u tal-awtoritajiet u l-partijiet interessati tiegħu

13. Il-provinċja ta' Antwerp (ir-reġjun BE21 tan-NUTS II) hija l-aktar ikkonċernata mill-għeluq tal-impjant tal-General Motors Belgium f'Antwerp. L-erba' kumpaniji fornituri jinsabu wkoll fil-provinċja ta' Antwerp.
14. L-awtorità ewlenija kkonċernata hija l-ESF Agency Vlaanderen. Il-partijiet interessati rilevanti huma s-servizz Fjamming għat-taħriġ vokazzjonali u l-impjieg (Vlaamse Dienst voor Arbeidsbemiddeling en Beroepsopleiding or VDAB), bħala msieħba soċjali min-naħa tal-ħaddiema: it-tliet trejtdjunjins rappreżentattivi - ABVV (Algemeen Belgisch Vakverbond), ACLVB (Algemene Centrale der Liberale Vakbonden van België), ACV (Algemeen Christelijk Vakverbond), u min-naħa tal-impjegaturi. In-Netwerk għall-Intrapriżi (Vlaams netwerk van ondernemingen or VOKA) u l-Unjoni tal-impreditturi indipendenti (Unie van zelfstandige ondernemers or Unizo), il-gvern tal-Provinċja ta' Antwerp u l-Ministru Fjamming għall-Impjieg.

L-impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-impjiegi lokali, reġjonali jew nazzjonali

15. L-awtoritajiet Belġjani jsostnu li r-reġjun l-aktar affettwat mis-sensji huwa d-distrett amministrattiv ('*arrondissement*') ta' Antwerp: madwar 75 % tas-sensji ngħataw f'dan ir-reġjun u madwar 66 % tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja jgħixu f'dan ir-reġjun. L-awtoritajiet Belġjani jkomplu jiddikjaraw li s-sensji se jkollhom impatt ukoll fuq is-sitwazzjoni tal-impjiegi fid-distretti amministrattivi ta' Dendermonde u Sint-Niklaas, fejn jgħix sehem rilevanti tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja. Filwaqt li l-għadd ta' persuni li qegħdin ifittxu impjieg fil-perjodu ta' Ottubru 2009 – Ottubru 2010 naqas b'1,64 % fil-Fjandri, fid-distretti amministrattivi ta' Antwerp, Dendermonde u Sint-Niklaas żdied bi 2,39 %, 2,71 % u 4,05 % rispettivament. Għall-istess perjodu, ir-rata ta' qgħad għall-Fjandri naqset b'0,21 %, fid-distrett amministrattiv ta' Antwerp din żdiedet b'0,10 %.

Pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li jridu jiġu ffinanzjati u analiżi tal-ispejjeż stmati, inkluża l-komplimentarjetà tiegħu mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali

16. Qed jiġu proposti t-tipi ta' miżuri li ġejjin, li kollha jingħaqdu biex jiffurmaw pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati mmirati lejn l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol.
 - L-ewwel serje ta' miżuri tikkonċerna l-għajnuna għat-tfittxija ta' Impjieg: Bħala l-ewwel miżuradawn jinkludu intervista tal-bidu u l-iskrining limitat tal-profilu tal-ħaddiema u tqabbil mal-postijiet ta' xogħol vakanti disponibbli. It-tieni miżura

tkopri akkumpanjament individwali meta persuna tkun qiegħda tfittex impjeg u tinkludi skringing fil-fond tal-possibbiltajiet u aspirazzjonijiet tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja u l-iżvilupp ta' trajettorja biex jinstab impjeg għdid. It-tielet miżura tikkonċerna l-provvediment ta' konsulenti dwar l-intervent soċjali tal-VDAB biex tgħin lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'sessjonijiet ta' informazzjoni, biex jipprovdu punt ta' kuntatt fl-intrapriża li tat is-sensji. Ir-raba' miżura tikkonċerna l-provvediment tal-gwida vokazzjonali lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja. Il-ħames miżura tikkonċerna l-organizzazzjoni tal-fieri tal-impjiegi li se ggħib flimkien il-ħaddiema li ngħataw is-sensja u r-rappreżentanti tal-kumpaniji li joffru postijiet tax-xogħol vakanti li jikkorrispondu għall-profil tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja.

- It-tieni serje ta' miżuri tikkonċerna t-Taħriġ u t-taħriġ mill-għdid: Din tkopri tipi varji ta' taħriġ vokazzjonali organizzat mill-VDAB, mill-fornituri tat-taħriġ wara proċedura tal-akkwist jew mill-Fond għas-settur tal-Metall f'Antwerp (FTMA). Din tkopri wkoll taħriġ dwar it-tekniki varji meħtieġa meta persuna tapplika għal impjeg. Bħala t-tielet miżura hemm taħriġ vokazzjonali individwali (Individuele Beroepsopleiding or IBO) għal perjodu medju ta' tliet xhur li għandu l-għan li joffri lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja impjeg fit-tul f'settur differenti jew f'funzjoni differenti.
- Għajjuna għall-klassifikazzjoni mill-għdid: Din tkopri tliet xhur ta' għajjuna għall-klassifikazzjoni mill-għdid lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja u li huma taħt l-45 sena. Għall-ħaddiema li għandhom 'il fuq minn 45 sena din hija obbligu legali għall-intrapriża li tagħti s-sensji u taqa' lil hinn mill-pakkett tal-miżuri eliġibbli għall-appoġġ tal-EGF.
- Għajjuna għal impjeg indipendenti: Din hija rilevanti għall-proġett "Ondernemen werkt" ("Jaqbillek issir imprenditur"). Din tikkonċerna l-għażla ta' kandidati potenzjali, il-provvediment ta' taħriġ għall-intraprendenza, għajjuna għall-iżvilupp ta' pjan ta' negozju u studju fattibbli kif ukoll sostenn għar-rekwiżiti amministrattivi. Kull imprenditur-kandidat isegwi pjan ta' żvilupp individwali u jkun iggwidat mill-qrib.

17. In-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF, li hija inkluża fl-applikazzjoni, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, tkopri attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni u kontroll kif ukoll informazzjoni u pubbliċità.

Is-servizzi personalizzati ppreżentati mill-awtoritajiet Belġjani huma miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-ażżjonijiet eliġibbli definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. L-awtoritajiet Belġjani jistmaw li l-kosti totali ta' dawn is-servizzi huma ta' EUR 14 324 894,84 u n-nefqa għall-implimentazzjoni tal-EGF hija ta' EUR 435 000 (2,95 % tal-ammont totali). Il-kontribuzzjoni totali mitluba mill-EGF hija ta' EUR 9 593 931 (65 % tal-kosti totali).

Azzjonijiet	Għadd stmat ta' ħaddiema identifikati	Kost stmat għal kull ħaddiem identifikat (EUR)	Kosti totali (l-EGF u l-kofinanzjament nazzjonali) (EUR)

Servizzi personalizzati (l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Ghajjnuna għat-tiftix ta' impjieg 1. Intervista tal-bidu ('gesprekken voor eerste opvang')	2 834	16,00	45 344,00
2. Akkumpanjament individwali meta persuna tkun qiegħda tfittex impjieg ('individuele begeleiding in zoektocht naar een baan')	1 750	1 000,00	1 750 000,00
3. Provvediment ta' konsulenti dwar intervent soċjali (('SIA werking')	2 834	3,96	11 222,64
4. Provvediment ta' gwida vokazzjonali ('beroepskeuzevoorlichting')	16	1 095,88	17 534,00
5. Fiera tal-impjiegi ('Jobbeurs')	1 000	42,00	42 000,00
Taħriġ u taħriġ mill-ġdid 6.a&b. taħriġ mill-VDAB jew permezz ta' proċedura tal-akkwist ('opleidingen in eigen beheer of uitbesteding')	500	12 708,80	6 354 400,00
6.c. Taħriġ mill-Fond għas-settur tal-Metall f'Antwerp ('opleiding door FTMA')	577	610,00	351 970,00
7. Taħriġ għall-applikazzjoni ('sollicitatietraining')	500	1 955,20	977 600,00
8. Impjieg permezz tat-taħriġ vokazzjonali individwali ('tewerstelling via IBO')	250	4 300,00	1 075 000,00
Ghajjnuna għall-klassifikazzjoni mill-ġdid ('outplacementbegeleiding')	1 253	2 873,76	3 600 824,20
Ghajjnuna għal impjieg indipendenti ('ondersteuning naar zelfstandige beroepsactiviteit')	90	1 100,00	99 000,00
Subtotal tas-servizzi personalizzati			14 324 894,84
Nefqa fuq l-implimentazzjoni tal-EGF (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006)			
Attivitajiet ta' tħejjija			10 000,00
Ġestjoni			130 000,00
Informazzjoni u pubbliċità			270 000,00

Attivitajiet ta' kontroll		25 000,00
Subtotal tan-nefqa totali għall-implimentazzjoni tal-EGF		435 000,00
Stima totali tal-kosti		14 759 894,84
Kontribut tal-EGF (65 % tal-kosti totali)		9 593 931

18. Il-Belġju jikkonferma li l-miżuri deskritti hawn fuq huma komplementarji mal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali. Se jiġi assigurat prosegwiment kontinwu tal-finanzjament permezz tal-EGF u l-Fondi Strutturali permezz tal-bażi tad-dejta tal-Aġenzija tal-FSE fil-Fjandri kif ukoll permezz tas-sistema ta' prosegwiment tal-klijent Fjamminga (ClientVolgSysteem or light CVS) li tinkludi d-dejta għal kull partiiċipant individwali.

Data(i) li fiha/fihom bdew jew kienu ppjanati li jibdew is-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati

19. Fl-14 ta' Ġunju 2010, il-Belġju beda s-servizzi personalizzati għall-ħaddiema affettwati inklużi fil-pakkett koordinat propost lill-EGF għall-kofinanzjament. Din id-data, għalhekk, tirrappreżenta l-bidu tal-perjodu ta' eliġibbiltà għal kwalunkwe għajjnuna li tista' tingħata mill-EGF.

Proċeduri għall-konsultazzjoni mas-sħab soċjali

20. L-awtoritajiet Belġjani kkonfermaw li l-pakkett ta' miżuri propost għall-għajjnuna mill-EGF ġie stabbilit b'konsens mal-imsieħba soċjali u li l-miżuri kollha inklużi fil-pakkett huma sostnuti mill-imsieħba soċjali.
21. L-awtoritajiet Belġjani kkonfermaw li kien hemm konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-leġislazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar sensji kollettivi.

Informazzjoni dwar azzjonijiet li huma obbligatori skont il-liġi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi

22. Fir-rigward tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, l-awtoritajiet Belġjani fl-applikazzjoni tagħhom:
- ikkonfermaw li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF ma tissostitwixxi miżuri li huma r-responsabbiltà ta' kumpaniji bis-saħħa tal-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi;
 - taw prova li l-azzjonijiet jipprovdu sostenn lill-ħaddiema individwali u ma għandhomx jintużaw għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi;
 - ikkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli ma jirċevux assistenza minn strumenti finanzjarji tal-UE oħra.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

23. Il-Belġju nnotifika lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess entità li tiġġestixxi u tikkontrolla l-FSE fil-Fjandri ('ESF-Agentschap Vlaanderen'). Se jinħoloq kumitat ta' monitoraġġ sabiex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-EGF. Dan il-kumitat se jkollu l-istess responsabbiltajiet bħall-kumitat ta' monitoraġġ Fjammingu għall-Għan 2 tal-FSE fil-Fjandri.

Il-finanzjament

24. Abbażi tal-applikazzjoni mill-Belġju, il-kontribuzzjoni proposta mill-EGF għall-pakkett ikkoordinat tas-servizzi personalizzati hija ta' EUR 9 593 931, li tirrappreżenta 65 % tal-kost totali. L-allokazzjoni proposta tal-Kummissjoni minn dan il-Fond hija bbażata fuq l-informazzjoni li nġhatat mill-Belġju.
25. B'kunsiderazzjoni tal-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-EGF skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006, kif ukoll l-ambitu tal-allokazzjoni mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-EGF għall-ammont totali msemmi hawn fuq, li għandu jiġi allokati skont l-intestatura 1a tal-qafas finanzjarju.
26. L-ammont propost ta' kontribuzzjoni finanzjarja se jħalli aktar minn 25 % tal-ammont massimu annwali ddestinat għall-EGF disponibbli għall-allokazzjonijiet matul l-aħħar erba' xhur tas-sena, kif meħtieġ bl-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006.
27. Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex timmobilizza l-EGF, il-Kummissjoni qiegħda tniedi l-proċedura ssimplifikata ta' trijalogu, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex tikseb il-qbil taż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja dwar il-ħtieġa li jintuża l-EGF u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lill-ewwel waħda miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja li tilħaq ftehim dwar l-abbozz tal-proposta għall-mobilizzazzjoni biex, flivell politiku xieraq, tgħarraf lill-fergħa l-oħra u lill-Kummissjoni bl-intenzjonijiet tagħha. F'każ ta' nuqqas ta' qbil minn xi waħda miż-żewġ partijiet tal-awtorità baġitarja, se tissejjeħ laqgħa formali ta' trijalogu.
28. B'mod separat, il-Kummissjoni tippreżenta talba ta' trasferiment sabiex fil-baġit għall-2011 iddaħħal approprjazzjonijiet għall-impenji speċifiċi, kif mitlub mill-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006.

Sors tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet

29. Il-baġit tal-2011 li juri approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet ta' EUR 47 608 950 dwar il-linja baġitarja 04.0501 "Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF)", din il-linja baġitarja se tintuża biex tkopri l-ammont ta' EUR 9 593 931 meħtieġa għall-applikazzjoni preżenti.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2010/031 BE/General Motors Belgium mill-Belġju)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda⁶, u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni⁷, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni⁸,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjin dovuti għall-globalizzazzjoni u sabiex jiġu megħjuna fir-reintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-ambitu tal-EGF twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali.
- (3) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-EGF taħt il-limitu massimu annwali ta' EUR 500 miljun.
- (4) Il-Belġju ressaq applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-EGF, fir-rigward tas-sensji fl-intrapriża General Motors Belgium u erbgħa mill-fornituri tagħha, fl-20 ta' Diċembru 2010 u sostniha b'informazzjoni addizzjonali sal-24 ta' Jannar 2011. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti sabiex jiġu ddeterminati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE)

⁶ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁷ ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

⁸ ĠU C [...], [...], p. [...].

Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta biex timmobilizza l-ammont ta' EUR 9 593 931.

- (5) L-EGF għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mill-Belġju.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 9 593 931 f'appropriazzjonijiet għall-impenji u l-ħlasijiet.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi [Brussell/Strasburgu],

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President